**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**
**MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)**
CHAIRPERSON

Rikors Nru: 1034/2021 LC

**DOLORES PISANI (K.I. 627038M),**
**THOMAS BORG (K.I. 708640M),**
**MICHELINA GATT (K.I. 770547M),**
**GEORGINA HABER (K.I. 251645M),**
**ANTONIA MALLIA (K.I. 916250M),**
**BARBARA BORG (K.I. 191651M),**
**STEPHEN BORG (K.I. 152267M),**
**JOSEPH BORG (K.I. 237959M),**
**MARY DORIS SIVE DOROTHY BORG (K.I. 77161M),**
**RONALD BORG (K.I. 288962M),**
**NOEL BORG (K.I. 364070M),**
**MARIANNE SAFFRETT (K.I. 128261M) U**
**DORIETTE CARABOTT (K.I. 209365M)**

*vs*

**DOMINIC CARUANA (K.I. 236555M) U**
**LYDIA CARUANA (K.I. 767655M)**
U
**AWTORITA' TAD-DJAR (BĦALA AMICUS CURIAE)**

**Illum, 25 ta' Jannar 2023**

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' Dolores Pisani, Thomas Borg, Michelina Gatt, Georgina Haber, Antonia Mallia, Barbara Borg, Stephen Borg, Joseph Borg, Mary Doris sive Dorothy Borg, Ronald Borg, Noel Borg, Marianne Saffrett u Doriette Carabott fejn, għar-raġunijiet hemm premessi u infraskritti, talbu lil dan il-Bord sabiex:

I. Jiddikjara u jiddeċiedi illi l-intimati huma l-inkwilini tal-fon numru 49, Flat 6, Triq San Mark, Valletta, ai termini tal-Kap 69, tal-Liġijiet ta' Malta.

II. Jordna li jitwettaq it-test tal-mezzi tal-inkwilini li għandu jkun ibbażat fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kiri (Kriterji ta' Test tal-Mezzi maħruġa taħt l-Artikolu 1622A tal-Kodiċi Ċivili), u kwalunkwe regolamenti li jistgħu minn żmien għal żmien jissostitwuhom, liema test għandu jkun ibbażat fuq id-dħul tal-inkwilini bejn l-1 ta' Jannar tas-sena 2020 u l-31 ta' Diċembru 2020, u fuq il-kapital tal-inkwilini fil-31 ta' Diċembru tal-2020.

III. Jiddikjara u jiddeċeidi illi ai termini tal-Att XXIV tal-2021, il-kera għandha tiġi riveduta b'effett <u>mill-1 ta' Jannar tas-sena 2021</u> għal ammont li ma jeċċedix it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tal-fond numru 49, Flat 6, Triq San Mark, Valletta, fl-1 ta' Jannar tas-sena 2021 u sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera u fin-nuqqas jekk l-intimati ma jissodisfawx il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi li l-intimati jiġu permessi żmien ta' sentejn sabiex il-fond jiġi vakat, oltre li jħallsu kumpens pagabbli lir-rikorrenti għall-okkupazzjoni tal-

fond matul l-imsemmi perjodu li għandu jiġi determinat minn dan il-Bord skond l-Artikolu 4A(4) tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

IV. Jordna, illi f'każ illi l-intimati Caruana ma jissodisfawx il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, l-iżgumbrament tal-istess intimati fi żmien sentejn (2) mis-sentenza sabiex il-fond jiġi vakat.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimati għas-subizzjoni.

Ra d-dokumenti esebiti mar-rikors promotur.

Ra r-risposta tal-Awtorità tad-Djar datata s-17 ta' Frar tas-sena 2022 fejn sommarjament, eċċepiet, fost l-oħrajn li (i) atturi irridu qabel xejn jipprovaw t-titolu tagħhom u li huma waħedhom s-sidien uniċi tal-fond; (ii) illi l-atturi għandom jipproduċu u jesebixxu d-dikjarazzjonijiet causa mortis tad-defunti Simom Borg u Rita Borg; (iii) illi dan il-Bord għandu jikkonstata jekk l-Att XXIV tal-2021 għandux jiġi applikat għal dan il-każ; (iv) peress li l-Awtorità hija intervenuta fil-kawża ai termini tal-liġi, hija m'għandhiex tbati l-ispejjeż tal-preżenti; (v) illi l-Periti maħtura bil-liġi għandhom jagħtu il-valur tal-fond liberu u frank fis-suq miftuħ imma kif ikun fl-1 ta' Jannar tas-sena li fih issir ir-rikors u (vi) f'każ li l-inkwilini jissodisfaw t-test tal-mezzi, il-kera għandha tiġi ffissata f'ammont ta' mhux aktar minn 2% tal-valur tal-propjetà skont il-liġi.

Ra r-risposta tal-intimati Dominic Caruana u Lydia Caruana datata t-18 ta' Frar, 2022 fejn sommarjament, eċċepew fost l-oħrajn li (i) l-esponenti jikkonfermaw illi huma l-inkwilini tal-fond bin-numru 49, Flat 6, Triq San Mark, Valletta, taħt titolu validu ta' kera u skond id-dritt mogħti lilhom mil-liġi; (ii) illi huma dejjem ħalsu l-kera dovuta u dejjem wettqu l-obbligi tagħhom skond il-liġi; (iii) illi huma

jissodisfaw u jikkwalifkaw għat-test tal-mezzi u għalhekk ma għandux ikun hemm ordni ta' żgumbrament; (iv) illi l-fond *de quo* sarulu diversi benefikati mill-istess inkwilini u kwindi l-valur lokatizzju u anki l-valur fis-suq ta' l-istess fond żdied bl-opra tal-istess intimati; (v) illi ż-żieda ta' 2% ma hijiex tassattiva iżda diskrezzjonali għal dan il-Bord, tant illi l-Artikolu 12B(2) tal-Ordinanza jipprovdi li ż-żieda fil-kera 'ma jeċċedix' tali ammont, u kwindi jista' jkun inqas; u (vi) l-esponenti m'għandhomx ibatu l-ebda spejjeż in konnessjoni ma' dawn il-proċeduri, in kwantu li ma jistgħux jiġu kkastigati talli otempraw ruħhom mal-liġi.

Ra illi in ottemporanza mad-digriet ta' dan il-Bord tal-20 ta' Jannar, 2022, l-intimati wettqu it-test tal-mezzi ai termini tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) (Avviż Legali 463 tal-2011);

Ra illi l-Periti Membri tal-Bord, senjatament il-Perit Maria Mc Kenna u l-Perit Leonard Zammit ppreżentaw ir-relazzjoni tagħhom;

Ra id-dokumenti kollha eżebiti;

Ikkonsidrat;

Illi l-kawża odjerna qegħda ssir ai termini tal-Artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Artikolu jagħti l-fakoltà lis-sid il-kera jadixxi lil dan il-Bord u jitlob żieda fil-kera li ma teċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni, purchè li d-diversi kriterji hemm imsemmija jiġu sodisfatti;

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel żewġ kriterji li dan il-Bord jinneċessità jistabbilixxi qabel ma jipproċedi ulterjorment huma jekk (i) ir-rikorrenti humiex is-sid

tal-kera tal-fond in kwistjoni u (ii) jekk l-intimati humiex l-inkwilini ta' dan l-istess fond.

Illi fl-affidavit tagħha, ir-rikorrenti Michelina Gatt tikkonfrema illi l-fond bin-numru 49, Flat 6, Triq San Mark, Valletta kien oriġinarjament ġie mikri mill-ġenituri tagħha, Simon Borg u Rita Borg lill-intimati Dominic Caruana u Lydia Caruana. Ir-rikorrenti Michelina Gatt, Georgina Haber, Thomas Borg, Dolores Pisani u Antonia Mallia huma l-ulied u il-werrieta tal-imsemmija Simon Borg u Rita Borg u dan kif jirriżulta mit-testment unica charta tagħhom tal-1 ta' Awwissu tas-sena 1991 redatt fl-atti tan-Nutar Dottor Antoine Agius, mid-denunzja relattiva u r-riċerki testamentarji tal-istess. Ir-rikorrenti Barbara Borg, li hija mart id-defunt Joseph Borg, li huwa wkoll iben il-mejtin Simon Borg u Rita Borg, akkwistat is-sehem tad-defunt żewġha mill-fond *de quo*, u dana bis-saħħa tal-eredità tal-imsemmi żewġha. Vincent Borg, li huwa wkoll iben il-mejtin Simon Borg u Rita Borg, miet fil-25 ta' Jannar tas-sena 2015, u l-wirt tiegħu ddevolva permezz ta' testment unica charta datat il-15 ta' Marzu 1999 fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Felice. Bis-saħħa tal-imsemmi testment, l-imsemmi Vincent Borg innomina lill-uliedu, senjatament lir-rikorrenti Joseph Borg, Dorothy Borg u Stephen Borg bħala werrieta tiegħu. Ir-rikorrenti Ronald Borg, Noel Borg, Marienne Saffrett u Doriette Carabott huma wild id-defunt Carmelo Borg, li huwa wkoll huwa iben il-mejta Simon Borg u Rita Borg. L-imsemmija aħwa Ronald Borg, Noel Borg, Marienne Saffrett u Doriette Carabott akkwistaw sehem indiviż mill-propjeta mertu dawn il-proċeduri bis-saħħa tal-eredita' tad-defunt missierhom, senjatmanet permezz tat-testmenti tas-6 ta' Jannar 2016 u tal-1 ta' Settembru 2005, it-tnejn fl-atti tan-Nutar Dottor Antoine Agius.

Illi ma tressqet ebda prova li tikkontradiċi jew b'xi mod tinnega l-istat ta' fatt stabbilit mill-atti appena imsemmija, u fid-dawl tal-istess, il-

Bord huwa sodisfatt illi r-rikorrenti huma s-sidien tal-kera tal-propjetà *de quo*.

Ikkonsidra;

Illi d-dikjarazzjoni tar-rikorrenti fir-rikors promotur illi l-intimati Dominic Caruana u Lydia Caruana huma l-inkwilini tal-fond *de quo* ġiet ikkonfermata bil-ġurament tar-rikorrenti Michelina Gatt fl-affidavit tagħha hawn fuq imsemmi. In oltre', l-intimati stess fir-risposta tagħhom jikkonfermaw illi huma l-inkwilini tar-rikorrenti fil-fond mertu dawn il-proċeduri, bis-saħħa ta' titolu validu ta' kera u skond id-dritt mogħti lilhom mil-liġi.

Illi fid-dawl tal-fatt illi d-dikjarazzjoni tar-rikorrenti illi l-intimati huma l-inkwilini ma ġietx ikkontestata, anzi kkonfermata mill-intimati stess, il-Bord huwa sodisfatt li l-intimati Dominic Caruana u Lydia Caruana huma effettivament l-inkiwlini tal-fond *de quo.*

Ikkonsidra;

Illi mid-dokumenti preżentati fir-rigward tat-test tal-mezzi jirriżulta illi d-dħul ta' Dominic Caruana u Lydia Caruana, kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(a), 8 u 9 tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), **ma jaqbiżx** dak stipolat mir-Regolament 5(6) tal-istess Regolamenti. Għar-rigward tal-kapital ta' Dominic Caruana u Lydia Caruana, kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(b), 8 u 9 tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), jirriżulta li **lanqas dan ma jaqbeż** dak stipolat mir-Regolament 6(5) tar-Regolamenti msemmija.

Illi ma ġiet mressqa ebda prova quddiem il-Bord rigward l-applikazzjoni tar-Regolamenti 5(8) u 6(7) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u b'hekk, dan il-Bord

ma jara ebda raġuni għalfejn għandu jiddipartixxi mill-kriterji stabbiliti fir-regolamenti 5 u 6 appena ċitati.

B'hekk, il-Bord qiegħed isib illi Dominic Caruana u Lydia Caruana **ma jeċċedux** il-kriterji stabbiliti bir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u konsegwentement **jissodisfaw** l-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi ai termini tal-Artikolu 4A (5) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk, m'hemmx lok għall-applikazzjoni tal-Artikolu 4A (4) tal-istess Kap.

Ikkonsidra;

Illi mir-rapport redatt mil-Periti tal-Bord jirriżulta illi l-fond in kwistjoni jikkonsisti f'appartament li jinsab fit-tielet sular sottopost u sovrapost għall-beni ta' terzi bi tromba tat-taraġ komuni. Il-fond għandu spazju intern ta' madwar 62 metri kwadri. Il-finituri tal-fond jikkonsistu f'apperturi tal-alumnium, madum tat-terrazzo, water paint mal-ħitan, soqfa bit-travi tal-injam u xorok jew travi tal-ħadid mirdumin u xorok. Is-servizzi tad-dawl, ilma u dranaġġ huma preżenti u jinsabu fi stat funzjonabbli. B'mod ġenerali il-fond huwa abitabbli u f'kundizzjoni relattivament tajba.

Illi l-Periti tal-Bord, wara li kkonsidraw il-fatturi kollha msemmija fir-rapport tagħhom, li jinkludu l-lokalità, it-tip, il-kondizzjoni tal-propjetà u l-potenzjal għall-iżvilupp, jistmaw il-propjetà fl-1 ta' Jannar tas-sena 2021, fl-ammont ta' tliet mija u ħmistax-il elf Ewro (€315,000).

Ikkonsidra;

Illi fl-ikkalibrar tal-awment tal-kera kif mitluba mir-rikorrenti, dan il-Bord ser iżomm quddiem għajnejh dak mgħallem mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza**

**Vincenza sive Lora Zarb**[1]**,** fejn analiżżat l-għan tal-emendi introdotti bl-Att XXVII tal-2018 (u kwindi anke dawk introdotti bl-Att XXIV tal-2021), fejn irrietniet illi:

> *"il-Qorti tikkonkludi li d-dħul fis-seħħ ta' dawn l-emendi fil-liġi kienu maħsuba biex jindirizzaw u joħolqu bilanċ bejn il-jeddijiet tas-sidien li altrimenti kienu ser jibqgħu jirċievu ħlas ta' kera irriżorju għall-proprjetà tagħhom wara li ilhom imċaħħda minnha snin, u l-jeddijiet tal-inkwilini li jibqgħu jgħixu fid-dar li ilhom snin jagħrfu bħala r-residenza ordinarja tagħhom"*

Illi tenut kont ta dak kollu appena espost, kif ukoll tal-mezzi tal-intimati u tal-età tagħhom, il-Bord jemmen li l-awment fil-kera għandu jkun fl-ammont ta' 2% tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond *de quo*.

Dan ifisser li l-kera għandha togħla għal-ammont ta' sitt elef u tliet mitt ewro (€6,300) fis-sena.

Ikkonsidra;

Illi minkejja li l-intimati eċċepew li dan il-Bord għandu jikkonsidra wkoll il-benefikati li saru minnhom fil-fond *de quo*, ma tressqet ebda prova in sostenn ta' din l-eċċezzjoni u għaldaqstant il-Bord m'huwiex f'posizzjoni li jagħti konsiderazzjoni lill-imsemmija benefikati.

[1] **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 3 ta' Frar 2021, (Appell Nru 126/2018/LM).

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Bord qiegħed jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi:

1. Jilqa' l-ewwel talba u jiddikjara illi l-intimati Dominic Caruana u Lydia Caruana huma l-inkwilini tal-fond numru 49, Flat 6, Triq San Mark, Valletta ai termini tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba stante illi t-Test tal-Mezzi tal-intimati twettaq waqt l-andament tal-proċeduri odjerni.

3. Jilqa' in parte t-tielet talba u jordna illi l-kera tal-fond bin-numru 49, Flat 6, Triq San Mark, Valletta, għandha tiġi riveduta għall-ammont ta' 2% tal-valur tal-fond fis-suq miftuħ fl-1 ta' Jannar 2021 u konsegwentement jawmenta l-kera pagabbli mill-intimati Dominic Caruana u Lydia Caruana għall-ammont ta' sitt elef u tlett mitt ewro (€6,300) fis-sena u jordna lill-intimati Dominic Caruana u Lydia Caruana iħallsu lir-rikorrenti *in solidum* il-kera hekk awmentata, b'effett mid-data tal-lum bħala d-data tas-sentenza u dan bil-modalità ta' erbgħa (4) skadenzi fis-sena, ċioè fl-ewwel ta Jannar, April, Lulju u Ottubru ta' kull sena.

4. Jiċħad ir-raba' talba stante illi l-intimati jissodisfaw il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi.

5. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati u tal-Awtorita' intervenuta sa fejn dawn huma inkompatibbli ma' dak li ġie deċiż hawn fuq.

Kull parti għandha tbati l-ispejjez tagħha ta' dawn il-proċeduri.

**Ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**